

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa indirizzat kontra n-nota tal-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tas-6 ta' Frar 2019, li permezz tagħha ġie arkivjat l-ilment imressaq mir-rikorrenti fil-5 ta' Frar 2018, li permezz tiegħu dawn tal-aħħar invokaw l-illegalità tad-Digriet Nru 6762, tal-Ministru tal-Politika Agrikola u Forestali, tal-15 ta' Diċembru 2016, li japprova l-Pjan Regolatorju tal-Provvista tal-ġobon Parmigiano-Reggiano għall-perijodu 2017-2019, kif ukoll id-Digriet Nru 5320 tal-istess ministru, tad-19 ta' Settembru 2017, li japprova l-Pjan Regolatorju tal-Provvista tal-ġobon Parmigiano-Reggiano għall-perijodu 2017-2019.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 150 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-istabbiliment ta' maġġoranza kkwalifikata tal-produtturi interessati fil-proposta għall-irregolar tal-provvista.
2. It-tieni motiv, huwa ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 150 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet bażiċi tal-bilanċ tas-suq għall-finijiet tal-adozzjoni tal-miżuri temporanji biex jirregolaw il-provvista u l-ħtieġa għal motivazzjoni adegwata f'dan is-sens.
3. It-tielet motiv, huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 150 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fil-parti li ttrigwarda l-projbizzjoni tal-iskemi li jirregolaw il-provvista b'kontenut diskriminatorju.

(¹) ĠU 2013 L 347, p. 608.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' April 2019 — Klöckner Pentaplast vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-231/19)

(2019/C 213/49)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Klöckner Pentaplast GmbH (Heiligenroth, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Voß u D. Fouquet, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni SA.34045 (2013/C) (ex 2012/NN) tat-28 ta' Mejju 2018, innotifikata bid-dokument C(2018) 3166 (ĠU 2019, L 14, p. 1), fir-rigward tas-snin 2012 u 2013;

— sussidjarjament, tannulla d-Deċiżjoni SA.34045 (2013/C) (ex 2012/NN) tat-28 ta' Mejju 2018, innotifikata bid-dokument C(2018) 3166, fir-rigward tas-snin 2012 u 2013, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti, kif ukoll

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-kawża, inklużi l-ispejjeż legali u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi segwenti.

1. Konstatazzjoni żbaljata tal-eżistenza ta' għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

Fil-kuntest tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti ssostni li, fl-evalwazzjoni tal-eżenzjoni mit-tariffi tan-netwerk inkwistjoni, il-konvenuta wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li kien hemm użu ta' riżorsi tal-Istat.

Barra minn hekk, fl-evalwazzjoni tal-kriterju ta' "selettività", is-sistema ta' referenza ġiet iddeterminata b'mod żbaljat u inkomplet.

Ir-rikorrenti ssostni wkoll li, minħabba d-determinazzjoni żbaljata tas-sistema ta' referenza, il-konvenuta kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE.

2. Ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi

Fil-kuntest tat-tieni motiv, ir-rikorrenti ssostni li, fuq il-bażi tas-sitwazzjoni individwali tagħha, hija setgħet trawwem l-aspettattiva li kienet ser tibqa' tibbenefika mit-tariffi tan-netwerk speċjali li kienet tibbenefika minnhom.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' April 2019 — H&R Ölwerke Schindler vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-232/19)

(2019/C 213/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: H&R Ölwerke Schindler GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: N. Voß u D. Fouquet, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni SA.34045 (2013/C) (ex 2012/NN) tat-28 ta' Mejju 2018, innotifikata bid-dokument C(2018) 3166 (ĠU 2019, L 14, p. 1), fir-rigward tas-snin 2012 u 2013;

— sussidjarjament, tannulla d-Deċiżjoni SA.34045 (2013/C) (ex 2012/NN) tat-28 ta' Mejju 2018, innotifikata bid-dokument C(2018) 3166, fir-rigward tas-snin 2012 u 2013, sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;